IL-KTEJJEB EWROPEW GĦALL-

# PREVENZJONI ta' l-inċidenti fil-baħar u s-SIGURTA` tas-sajjieda



Inizjattiva ta' l-imsieħba soċjali tas-settur tas-sajd fil-baħar ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea / Mejju 2007

• Dan il-ktejjeb huwa ta':

• Telefon:

Dan il-ktejjeb jikkontjeni il-pariri minimi dwar is-sigurta` u s-saħħa għas-sajjieda li jaħdmu fuq laneċ tas-sajd. M'huwiex manwal tas-sigurta` u lanqas ma huwa sostitut għat-taħriġ effettiv iżda għandu jżid l-għarfien għall-ħtieġa ta' tali taħriġ. tagħrif u kompetenza fir-rigward tas-sigurta`.

Attenzjoni! Il-proċeduri jistgħu ivarjaw fuq il-lanċa tiegħek.

Mejju 2007

"Kienu t-8 p.m. Kont qed inġorr l-ikel mill-kċina għall-wheelhouse. Il-baħar kien imqalleb. Il-lanċa intefgħet b'mod vjolenti bejn mewġa w oħra u ma bqajtx inżomm mas-sellum u waqajt il-baħar. Ħadd ma rani naqa'. Kien id-dlam. Kemm kien se jdum l-ekwipaġġ biex jinduna li kont nieqes? Kienu qatt ser isibuni ħaj?"

Thior, Agosto 2006

# Raġel fil-Baħar
## (Man Overboard - MOB)

Sitwazzjonijiet ta' Raġel fil-Baħar jiġru spiss fuq laneċ tas-sajd u ħafna drabi jwasslu għall-mewt. Huwa ta' importanza vitali li tkun lest għal tali sitwazzjoni billi tkun taf x'irid isir u kif taħdem flimkien bħala ekwipaġġ biex tiġbor persuna mill-ilma. Taħriġ u diskussjonijiet dwar kif dan isir huma l-aħar mezz taħ preparazzjoni.




**DAWWAR IL-LANĊA** lejn il-vittma. Itfa lifebuoy il-baħar u mmarka l-pożizzjoni




It-Tmun **"WILLIAMSON TURN"** għandu jiddawwar sew lejn il-vittma sakemm tkun żidt 60º lir-rotta inizjali tiegħek, f'liema ħin i-mun għandu jiddawwar bil-kontra boex terġa ġġib il-lanċa fuq ir-rotta tagħha. B'dan il-mod il-vittma għandu jidher quddiem il-lanċa.

**AĦTAR LIL** xi ħadd għassa sabiex iżomm il-MOB fil-viżta u bie jiggwida l-kaptan lura lejn il-vittma






**MESSAĠĠ T'ALLARM**

**ITTRAŻMETTI "PAN PAN"**



**ĠBIR** ta' persuna mill-ilma min-naħa tat-temp, l-iktar punt baxx tal-lanċa



**ORGANIZZA** mezz adegwat għall-ġbir, xibka, sellum, basket, Jason Cradle, faxxa tas-salvataġġ, jew korda




**IKKURA** l-vittma

# Xokk Kiesaħ

Xokk kiesaħ hija frażi li tintuża biex tiddeskrivi ir-rispons inizjali ta' vittma ta' ilma kiesaħ wara li tiġi immersa f'daqqa waħda.

## SINTOMI

Qtugħ ta' nifs fil-bidu

Nifs mgħaġġel.

Paniku..

Żieda fir-rata tal-qalb u l-pressjoni.



Ikkontrolla n-nifs tiegħek

## PERIKLI

Ġbid ta' ilma fil-pulmun.

Għerqien.

Puplessija jew attakk tal-qalb.

## PREVENZJONI

Uża tagħmir għall-prevenzjoni ta' ragel fil-baħar

Ilbes ġakketta tas-salvataġġ approvata.

Ilbes ilbiesi li għandhom proprjetajiet iżolanti u li ma jħallux l-ilma jgħaddi tajbin.

Ilbes suits ta' l-immersjoni (dry/wet).

Żomm ma' xi support u ippruvax tgħum sakemm is-sintomi jgħaddulek.

Oħroġ mill-ilma kemm jista' jkun malajr.




**EVITA** iktar telf ta' sħana.

**ĦARES** il-kanali ta' l-arja, n-nifs, u ċ-ċirkolazzjoni.

**IŻOLA** l-ġisem u speċjalment ir-ras.

**INŻA L-ĦWEJJEĠ IMXARRBA** jekk hemm oħrajn xotti disponibbli.

**ISSERVIX ALKOĦOL.**

**EVITA LI TOGĦROK** il-ġisem tal-vittma.

Żomm il-persuna taħt **OSSERVAZZJONI KONTINWA.**

# Ipotermja

Il-mewt minħabba ipotermja jew għerqien jirrappreżenta l-ikbar riskju lill-individwi li huma mġiegħlin jabbandunaw il-lanċa tagħhom jew li bi żball jaqgħu 'l baħar. In-nies jistgħu jiksħu malajr ħafna biżżejjed li ma jibqgħux kapaċi joħorġu mill-ilma weħidhom minħabba t-temperatura ambjentali ta' l-ilma. Anke wara li jitilgħu fuq iċ-ċattra ta' l-emerġenza, xorta jibqa' possibbli li jċedu għall-ipotermja, sakemm l-individwi ma jeħdux il-prekawzjonijiet neċessarji għas-sopravvivenza.

**TGĦUMX** sakemm mintix qrib post żgur.



Jekk int waħdek, żomm f'wiċċ l-ilma u kemm hu possibbli tiċċaqlaqx b'irkopptejk imtella' sa sidrek u idejk imdaħħlin taħt il-ġakketta tas-salvataġġ. Ilbes **ĠAKKETTA TAS-SALVATAĠĠ** approvata.



Jekk tnejn min-nies jew iktar jinsabu fl-ilma fl-imkien, **TGEZZU** biex il-ġnub ta' l-iġsma jkunu qrib xulxin




Hemm **TLIET ERJA KRITIĊI** fejn il-ġisem jitlef is-**SĦANA L-IKTAR** malajr.

It-temperatura normal ital-ġisem hija **37°C.** Meta t-temperatura nterna tinżel taħt il-**35°C,** tibda l-ipotermja.

# Is-Sopravivenza Personali fil-Baħar

Is-sopravivienza hija l-abilita` li tibqa' tgħix! Id-deċizjoni biex tabanduna vapor għandha tittieħed biss jekk assolutament neċessarju. Jekk ikollok tabbanduna l-vapur, ħajtek se tkun mheddha b'varjeta` ta' perikli li wħud minnhom jistgħu jwasslu għall-mewt. L-iktar kawżi komuni tal-mewt huma l-ipotermja u l-għerqien.

## ABBANDUNA L-VAPUR

### ALLARM ĠENERALI

7 tisfiriet qosra u 1 twila tas-suffara tal-vapur jew qajjem l-allarm verbalment fuq laneċ żgħar.






### GEWWA L-LANĊA

Ħoss kontinwu ta' qniepen tal-allarm





XXXXXXXXXXXXXXXXXXXXXXXXXXXXXXXXXXXX



**MUR FEJN** għandek tinġemgħa **B'MOD ORDINAT**
Abbanduna l-vapur biss meta l-Kaptan jew min hu nkarigat jgħidlek.
Skond il-ħin u ċ-ċirkostanzi, **ILBES ĦAFNA ILBIESI LI JSAĦĦNU.**
Jekk hemm, ilbes suit ta' l-immersjoni.
Ilbes il-**ĠAKKETTA TAS-SALVATAĠĠ** tiegħek, u segwi l-istruzzjonijiet ta' kif tilbes.



**INŻEL MIL-LANĊA NIEXEF JEKK POSSIBBLI.**
Jekk hemm bżonn li taqbeż, oqgħod bil-wieqfa fit-tarf tal-gverta
Sakkar u bblokka.
Iċċekkja hawn taħt.
Ħares 'il quddiem.
Żomm saqajk flimkien.

## PREPARAZZJONI BIEX TABBANDUNA L-VAPUR

Jekk għandek ħin, **ĦU:**

- l-EPIRB tal-lanċa
- is-SART tal-lanċa
- radju VHF ta' l-idejn
- ilma ħelu
- lbiesi sħan
- ikel

Kun af kif tħaddem iċ-ċatra

**TA' L-EMERĠENZA**







**ŻGURA** li l-korda hija mwaħħla mal-lanċa

**ĦOLL** il-ħbula

**NIŻŻEL** iċ-ċatra

**IĠBED** il-korda biex tonfoħ iċ-ċatra





Meta kulħadd ikun tela',

**AQTA' L-KORDA**



Tella **l-GĦAWWIEMA**

Ixgħel **L-EPIRB**

**ITLAQ** minn ħdejn il-lanċa

**ITFA** l-ankra

**ONFOĦ** l-art taċ-ċatra

**POĠĠI MIN** joqgħod għassa



- Irrazzjona l-ilma tiegħek, ipprova tixrobx fl-ewwel 24 siegħa
- Tiekolx ikel li fih il-melħ
- Ipprova tagħmilx sforz

Qatt m'għandek tixrob **ILMA** baħar





**SALVA** l-murtali sakemm tkun ċert li se ssib l-għajnuna

**TIPPRUVAX** tbaħħar mill-erja tal-vapur li qed jegħreq.

**IT-TAĦRIĠ U L-GĦARFIEN DWAR IS-SOPRAVIVENZA FIL-BAĦAR HUMA ESSENZJALI JEKK TRID TIBQA' ĦAJ FL-ILMA**

# Tagħmir ta' Protezzjoni Personali
## (Personal Protective Equipment - EPP)

Tagħmir ta' Protezzjoni Personali (PPE) jipproteġi l-individwi mill-ħsara wara li jintużaw il-metodi l-oħra kollha biex jipproteġu l-membru ta' l-ekwipaġġ minn periklu. Jintuża biss bħala l-aħħar għażla. PPE għandu jinkludi lbiesi tax-xogħol għal protezzjoni mit-temp. PPE għandu jinżamm dejjem f'kundizzjoni tajba u jikkonformi ma' l-istandard appożitu.

### LISTA TIPIKA TA' TAGĦMIR



- Ġakketta tas-salvataġġ
- Mezz Personali biex Iżżomm fil-wiċċ
- Tagħmir Imxarrab (Oilskins)
- Ingwanti (tipi varji)
- Żraben tas-sigurta`
- Kappell iebes
- Ċinga tas-Sigurta`
- Protezzjoni tal-Widnejn
- Gogils

It-tagħmir kollu għandu jkun adattat għax-xogħol u jkollu l-marka EC



### TAĦRIĠ

Il-membri kollha ta' l-ekwipaġġ għandhom jiġu mistħarrġa biex jilbsu korrettement PPE bħall-ġakketta tas-salvataġġ, il-mezz personali biex iżomm fil-wiċċ, protezzjoni tal-widnejn, iċ-ċinga tas-sigurta`, jew apparat tan-nifs. Ilbies tax-xogħol għandhom joqgħodu mall-ġisem, bla ħabel maħlul jew pulzieri, bwiet ftit li xejn.

## KURA U MANTENIMENT

Membri ta' l-ekwipaġġ għandhom jieħdu ħsieb il-PPE tagħhom, iżommuh fi stat tajjeb u jirrapurtaw kull difett jew ħsara lill-kaptan. Tagħmir bil-ħsara jew difettuż għandu jinbidel mill-ewwel. Ċertu tagħmir bħal mezz personali biex iżżomm fil-wiċċ jirrekjedi eżamijiet regolari, service kull sena, u tiġdid taċ-ċertifikat.



## ILBIEX TAX-XOGĦOL

L-ilbies tax-xogħol huwa tagħmir ta' protezzjoni personali wkoll u għandu jkun adattat għall-kundizzjonijiet mistennija fil-baħar rigward l-ambjent tax-xogħol bħat-temp u t-temperatura.

- Żraben tas-sigurta` li jżommu l-ilma għandhom jintlibsu fuq il-gverta.
- Fix-xita jew temp ikrah, l-ilbies għandu jkollu kuluri vistużi ħafna.
- Meta taħdem fl-istiva tal-ħut f'temperaturi baxxi ħafna, ilbes hwejjeġ adatti li jiżolaw.
- Iċ-ċinturini u ċineg tas-sigurta` għandhom jintlibsu meta taħdem fil-għoli jew fuq il-ġenb.
- Meta tqatta' l-ħut ilbes ingwanti li jkun rafforzati biex jagħtu protezzjoni.
- L-ingwanti għandhom ikunu adattati għax-xogħol bis-subgħajn jiċċaqalqu liberament u li joqgħodu komdi mall-polz.
- Protezzjoni għall-widnejn għandhom jintlibsu f'ambjenti ta' ħafna storbju, bħall-erja tal-makna jew makkinarju.

# Tagħmir għas-Salvataġġ tal-ħajja (Life Saving Equipment (LSE ))

Kun żgur li t-tagħmir tas-sigurta` kollu li hemm bżonn għal-lanċa tiegħek qiegħed fuq il-lanċa qabel ma toħroġ fil-baħar. Kull membru ta' l-ekwipaġġ għandu jkun jaf fejn dan it-tagħmir huwa stivat u kif jintuża f'emerġenza.




## TAĦRIĠ

Il-membri kollha ta' l-ekwipaġġ għandhom ikunu mistħarrġa fis-Sopravivenza fil-Baħar, Raġel fil-Baħar, Tifi tan-Nar, Sokkors bil-Helikopter, u proċeduri ta' Abbandun ta' Vapur u fit-tqegħid tat-tagħmir tas-sigurta` kollu fuq il-lanċa.

## LECTURA

Aqra Sew l-istruzzjonijiet kollha fuq tagħmir bħal Hydrostatic Release Units (HRU), Ċatra ta' l-Emerġenza, Distress Flares, Emergency Positioning Radio Indicating Beacons (EPIRB), Search And Rescue Transponders (SART) u Line Throwers. L-EPIRBS għandhom jiġu reġistrati.

## MANUTENZJONI U SERVICE

It-tagħmir tas-sigurta` jirrikjedi mantunenzjoni u /jew service. Iċċekkja t-tikketta ta' identifikazzjoni għal dati ta' skadenza u dettalji speċifiċi. Iċċekkja l-log tal-lanċa u aġġornah regolarnment.

## ĠGIEGET TAS-SALVATAĠĠ

Ġakketta tas-salvataġġ trid tkun kapaċi li żżomm persuna f'wiċċ l-ilma, u ddawwar il-wiċċ 'il fuq u r-ras barra l-ilma. Laneċ as-sajd għandhom iġorru ġakketta tas-salvataġġ għall-abbandun ta' vapor approvat għal kull person abbord. Għandha tkun approvata mis-SOLAS u jkollha suffara, dawl, ċinga, u tejp li jirrifletti. Avviżi ta' l-ilbies għandhom jidhru fejn hu prattiku fil-wheelhouse u pożizzjonijiet prominenti oħra. Stiva l-ġakketta tas-salvataġġ f'erja li hija kiesħa, ventilata tajjeb u faċilment aċċessibbli. Jekk il-parti ta'ġewwa tintela' bl-ilma, il-ġakketta ma tibqax tajba għall-użu, biddilha immedjatament.



**TABBUŻAX MILL-ĠAKKETTA TAS-SALVATAĠĠ TIEGĦEK BILLI TUŻAHA BĦALA KUXXIN, FENDER TA' DGĦAJSA JEW KUXXIN BIEX TOQGĦOD ARKUPTEJK.**

Tip u Marki
Użu ssuġġerit



IMO SOLAS/Direttiva tat-Tagħmir Marittimu ta' l-UE
Użu għall-abbandun ta' vapor.
Mhux intiż għall-użu ta' kuljum peress li huma ingombranti ġeneralment u jeħtieġ li jinżammu f'kundizzjoni tajba għall-użu f'sitwazzjonijiet ta' abbandun tal-vapur.

### L-ILBIES TAL-ĠAKKETTA TAS-SALVATAĠĠ

Ipprattika l-ilbies tal-ġakketta tas-salvataġġ qabel ma tiġri emerġenza.
Segwi l-istruzzjonijiet ta' l-ilbies fuq il-ġakketta.
Qatt m'għandek tilbes ħwejjeġ fuq il-ġakketta.
Ilbes il-ġakketta tas-salvataġġ tiegħek meta tabbanduna l-lanċa.
Qabel ma tidħol fl-ilma, żgura li l-ġakketta hija soda u żomm il-parti ta' l-għonq l-isfel b'idejk it-tnejn.
Idħol b'saqajk l-ewwel.

# BALSAS DE SALVAMENTO



Iċ-ċatra jew ċatri ta' l-emerġenza għandha jakkomodaw kull persuna abbord bħala minimu.

## Stivar

- Stiva b'mod korrett, fejn jista' jintuża faċilment, imam fejn jimxi 'l bogħod jekk il-lanċa tegħreq qabel ma jintuża.
- Stiva ħorizontalment ġewwa kontenitur adattat, żommha b'ganċ u weak link Sen-house jew hydrostatic release.
- Evita l-espożizzjoni għaż-żebgħa, duħħan, xrar jew baħar imqalleb jew raxx.
- Żgura li l-korda tkun marbuta ma' parti soda jew weak link f'każ ta' użu ta' HRU.

## Hydrostatic Release Unit

- Segwi l-istruzzjonijiet għall-installazzjoni tal-manufattur u ċċekkja biex tiżgura li huma korretti.



## ILLANĊJAR MANWALI

Ħoll iċ-ċinga li torbot iċ-ċatra

Ħoll il-korda

Għolli ċ-ċatra mill-kontenitur

Ġib il-lanċa mall-ġenb

Orbot il-korda ma' post sod

Żgura li l-erja fejn se tiġi llanċjata hija vojta



## ITFA Ċ-ĊATRA 'L BAĦAR.

Oħroġ il-korda kollha u iġbidha f'salt.

Ġib iċ-ċatra mall-ġenb sabiex isir l-iżbark.

**URI L-ISTRUZZJONIJIET** ta' l-illanċjar fil-viċin u stħarreġ lill-membri kollha ta' l-ekwipaġġ kif isir il-lanċ korrettement.



## MURTALI

Il-murtali huma metodu effettiv biex tagħmel sinjali lill-ajruplani li jkunu għaddejjin u laneċ li jkunu qrib li għandek l-inkwiet u għandek bżonn l-għajnuna.




### HEMM 3 TIPI BAŻIĊI

- Murtali ħomor taż l-idejn biex jintużaw bil-lejl
- Murtali tad-duħħan oranġjo biex jintużaw bi nhar
- Murtali bil-paraxut jistgħu jilħqu għoli ta' 300 m u jintużaw biex tfittex l-attenzjoni fuq distanza itwal.




### UŻU TAL-MURTALI

- Murtali huma splussivi u għandhom jintużaw bil-galbu.
- Stiva f'kontenitur li jżomm l-ilma
- Iċċekkja d-data ta' skadenza
- Kull min jinsab abbord għandu jkun jaf fejn huma stivati u kif tużahom
- L-Istruzzjonijiet ta' l-Operazzjoni huma stampati fuq il-murtali kollha – dejjem aqra qabel ma tispara!
- Tużax murtali meta ħelikopter tas-sokkors jinsab viċin ħafna, dejjem segwi l-istruzzjonijiet tal-pilota.





# Operazzjonijiet tal-Ħelikopter

Għandha tintuża ħafna attenzjoni meta jintużaw ħelikopters. Il-persuni kollha fuq il-gverta għandhom jilbsu ġgieget tas-salvataġġ u lbiesi li jidhru ħafna fejn hu possibbli.



**UŻA MURTAL** ta' l-idejn biex tindika l-pożizzjoni tiegħek u d-direzzjoni tar-riħ lill-ħelikopter, imam jekk inhu mitlub minnek biss.

**QATT** m'għandek tuża murtal tal-paraxut.

**ISMA** l-istruzzjonijiet tal-pilota fuq ir-radju – se jinfurmak bl-intenzjonijiet tiegħu.

**SEGWI** l-istruzzjonijiet kollha li jagħti l-pilota.

**IL-ĠBID BL-ARGNU** normalment isir mill-poppa tal-lanċa, allura żgura li dina l-erja tkun libera.



**ITFI** r-rada malli l-ħelikopter ikun fuqek.



Dejjem **ĦALLI** ċ–ċima ta' l-argnu tertja fl-ilma qabel ma taqbadha. Jista' jkollha ċarġ ta' l-elettriku istatiku għoli ħafna.



**TAQFILX** iċ-ċima ta' l-argnu mal-lanċa.



F'każ li taħdem bil-ħelikopter bil-lejl, **DAWWAL** l-erja tal-gverta. Tixgħelx searchlight lejn ħelikopter bil-lejl peress li l-piloti jkunu liebsin gogils biex jaraw bil-lejl, u dan jista' jagħmihom temporanjament.

# Nar

Taħriġ u għarfien huma l-aħjar mezz biex tipprevjeni jew titfi nar abbord lanċa. Id-duħħan dejjem kien qattiel fin-nirien, mhux biss il-fjammi. Id-duħħan huwa ta' spiss tossiku ħafna, minħabba r-rata għolja taż materjali magħmula mill-bniedem.

## Trijangolu tan-Nar

**Biex jibda nar irid ikun hemm 3 elementi: FJUWIL, SĦANA U ARJA**




**Neħħi kwalunkwe naħa waħda tat-trijangolu tan-nar u n-nar jintefa'.**

## AZZJONI MALLI TISKOPRI N-NAR

**QAJJEM l-allarm**




**ĠEMMGĦA l-membri ta' l-ekwipaġġ kollha**

**Ikkonsulta L-PJANTA TAN-NAR (jekk teżisti waħda abbord)**



**SIB** l-eqreb teffej tan-nar.






**ATTAKKA** n-nar jekk inhu possibbli.

**ITTRAŻMETTI** jekk inhu serju

**IŻOLA N-NAR**
Għalaq bibien, hatches, ventijiet, funnel flaps u portholes u żomm magħluq.



**IBDA** kessaħ it-tarf.

## Azzjoni meta **HEMM NAR FIL-KAMRA TAL-MAKNI**

- Qajjem l-allarm
- Ġemmgħa lil kulhadd
- Ibgħat MAYDAY
- Għalaq l-istops tal-fjuwil ta' l-emerġenza
- Itfi l-fannijiet tal-kamra tal-makni u iti d-dampers
- Ixgħel il-pompa tan-nar ta' l-emerġenza u oħroġ l-manki tan-nar
- Uża s-sistema ta' tifi tan-nar
- Ibda kessaħ it-tarf.
- Ħalli l-kamra tal-makni msakkra għal kemm hu possibbli

Nar li jiġi skopert kmieni u attakkat malajr jista' jiġi kkontrollat u mitfi permezz **TA' TEFFEJ TAN-NAR** li jinġarr.

- Pueden transportarse hasta el lugar del incendio para combatirlo rápidamente
- Jistgħu ikunu effettivi ħafna jekk jintużaw korrettement
- Qatt m'għandek tuża teffejja bl-ilma jew fowm fuq tagħmir ta' l-elettriku ħaj
- Jekk it-tikketta 'tamper proof' hija nieqsa minn teffej, assumi li ntuża
- Qatt tpoġġi lura għall-użu teffej li ntuża in parti sakemm ma reħax intela
- Il-manutenzjoni u service tat-teffejja tan-nar irid issir ta' l-inqas darba fis-sena




| TIP | Kulur | A Solidi | B Likwidi | C Gass | D Metalli | E Elettriku |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Ilma** | **Aħmar** | ✔ | ✘ | ✘ | ✘ | ✘ |
| Fowm | Krema | ✔ | ✔ | ✘ | ✘ | ✘ |
| $CO^2$ | Iswed | ✔ | ✔ | ✘ | ✘ | ✔ |
| Niexef- | Blu | ✔ | ✔ | ✔ | ✔ | ✔ |

## PRATTIKA TAN-NAR

- Għandha ssir ta' l-inqas kull 14-il jum.
- Żgura li l-ekwipaġġ kollu huma familjari mad-doveri tagħhom.
- L-ekwipaġġ mistħarreġ fit-tifi tan-nar għandhom jilbsu apparat tan-nifs self-contained biss.

## PREVENZJONI TAN-NAR

L-indafa, sens komun u iġjene personali tajba huma l-aħar mezz biex tevita li jibda nar fuq lanċa tas-sajd.

- Żgura li l-bibien tan-nar jistgħu jingħalqu
- Obdi s-sinjali Projbit Tpejjep il-ħin kollu
- Qatt mżgħandek tuża dawl mhux motti fejn hemm sinjali Projbit Tpejjep
- Tpejjipx fl-akkomodazzjoni ta' l-irqad
- Itfi s-sigaretti b'mod sigur.
- Itfi t-tagħmir ta' l-elettriku meta ma jintużax
- Qatt m'għandek tnixxef il-ħwejjeġ fuq l-istufa tat-tisjir.

## META TITLA FUQ LANĊA TAS-SAJD GĦALL-EWWEL DARBA, GĦANDEK TISKOPRI

- Il-lok fejn jinġemgħu n-nies
- Il-lok tat-tagħmir tat-tifi tan-nar u tas-salvataġġ
- Ir-rottot biex taħrab mill-akkomodazzjoni u l-erja taħt il-gverta
- X'inhuma d-doveri tiegħek waqt emerġenza

**IT-TAĦRIĠ, PRATTIKA U EŻERĊIZZJI JKABBRU L-GĦARFIEN TIEGĦEK U JASSIGURAW LI TKUN TISTA' TLAĦĦAQ MA' NAR ABBORD.**

**FTAKAR! INT TKUN WAĦDEK 'L BAĦAR META JIBDA NAR.**

# Stabilita` tal-lanċa

L-istabilita` ta' lanċa tirreferi għall-abilita` tagħha li tibqa dritta fl-ilma. Huwa importanti li żżomm kull piż addizzjonali neċessarju baxx kemm jista jkun fuq il-lanċa.

## META TKUN FIL-PORT U QABEL MA TITNIŻŻEL FIL-BAĦAR

- żgura li l-lanċa qegħda kemm jista' jkun f'pożizzjoni dritta qabel it-tluq.
- Identifika kull oġġett fiss jew stivat 'il fuq mill-gverta prinċipali li ma humiex neċessarji u li għalhekk jistgħu jitħallew l-art.
- Kull oġġett li ma jistax jitneħħa għandu jekk possibbli, jiġi stivat x'imkien iktar l-isfel.
- Iċċekkja l-livelli tas-sentina u ppompja l-barra meta toħroġ fil-baħar.
- Iċċekkja s-suction points tas-sentina biex tiżgura li m'humiex imblukkati.
- Iċċekkja li d-deck-freeing ports jaħdmu sew u li d-deck drains m'humiex imblukkati.
- Installa alarm tas-sentina f'kull spazju fejn jidħol l-ilma.
- Evita li tħaddem lanċa b'lista.

## MODIFIKA TAL-LANĊA

**TBIDDILX L-ISTRUTTURA** taż lanċa, makkinarju jew tagħmir tas-sajd mingħajr ma tfittex parir professjonali qabel dwar l-effett fuq l-istabilita`.

## ŻIEDA JEW TNEĦĦIJA TAS-SABORRA

**QATT** m'għandek tiffissa jew tneħħi saborra mingħajr parir professjonali.





## STIVAR

Għandu jiġi stivat fuq il-gverta l-minimu possibbli. Dejjem orbot sew.

Il-ħut jiġri fuq il-gveta għandu l-istess effett bħall-ilma. Stiva l-qabda taħt il-gverta.

L-ilma maqbud fil-gverta jikkrea wiċċ liberu u jżid il-piż fl-għoli tal-lanċa. Żomm il-freeing ports ħielsa.



**OPERAZZJONI TAL-LANĊA**
Meta taħdem b'tagħmir bħal xibka tat-tkarkir jew dreġer, towing blocks għandhom l-aħjar isiru **BAXX KEMM HU POSSIBBLI** u qrib iċ-ċentru tal-lanċa.
Jekk il-lanċa tiegħek m'għandhiex towing point adattat iktar l-isfel, għandek tikkunsidra tinstalla wieħed.

**TERFAX BOROM, XBIEKI COD-ENDS, EĊĊ** minn postijiet għolja żżejjed.
Piż merfugħ mill-ilma għandu l-istess effett fuq iċ-ċentru tal-gravita` tal-lanċa daqs li kieku l-piż kien jinsab fuq quddiem tad-derik. Il-lanċa titmejjel.

**DAWN L-OPERAZZJONIJIET GĦANDHOM ISIRU BISS B'ATTENZJONI ESTREMA!**



## FREEBOARD

Il-freeboard huwa essenzjali għall-istabilita`.

Il-freeboard huwa d-distanza bejn l-ilma u l-gverta prinċipali.

Lanċa mogħbbija żżejjed jkollha ftit li xejn freeboard. It-tagħbija żejda hija l-kawża prinċipali li l-laneċ jinqalbu.



**ORBOT IL-LATI TAL-HATCHES,** companionways u żomm anke l-bibien u twieqi tal-wheelhouse magħluqin meta hemm riskju ta' għerqien aċċidentali

**IL-KAMRA TAL-MAKNI U L-HATCHES TAL-GVERTA**
m'għandhom qatt jitħallew miftuħin għall-ventilazzjoni u l-hatches li hemm bżonn li jkunu miftuħin għall-aċċess għandu jingħalqu meta jkun possibbli.

**EFFETT WIĊĊ ĦIELES**
Meta lanċa bit-tankijiet mimlija titmejjel, il-kontenut tat-tank ma jiċċaqlaqx. Iċ-ċentru tal-gravita` tat-tankijiet ma jinbidilx, allura ma jaffettwax l-istabilita` tal-lanċa.

Il-kontenut ta' tank jew stiva tal-ħut parzjalment mimli jiċċaqlaq bil-moviment taddagħjsa.




**DAN L-EFFETT TA' "WIĊĊ ĦIELES" IKABBAR IR-RISKJU TAT-TIQLIB.**
Iċ-ċentru tal-gravita` jiċċaqlaq lejn il-ġenb, li jrendi l-lanċa inqas stabbli. Biex tevita dan l-effett eiċċ ħieles, ipprova żżomm l-inqas tankijiet u kompartimenti mimlija possibbli.

**Għall-iktar informazzjoni dwar l-istabilita`, ikkonsulta l-ktieb ta' l-istabilita` tal-lanċa jew it-test ta' l-istabilita` approvat.**

# Żlieq, Tgerbib u Waqgħiet

Ta' spiss niffaċċjaw ruħna bil-periklu ta' żlieq, tgerbib u waqgħiet u ħafna drabi ma nagħtux każ jew ma naħsbux fil-konsegwenzi ta' tali periklu għas-saħħa u sigurta` tagħna. Hija r-responsabilita` ta' kull persuna abbord biex tieħu ħsieb lilha nnifisha u l-kollegi tagħha. Huwa d-dover tiegħek li tirraporta kull possibilita` ta' periklu, aċċidenti u meta dawn kważi jsiru.



## PREVENZJONI

- Żomm kull post tax-xogħol pulit
- Jekk twaqqa' xi ħaġa, naddafha
- Irraporta kull periklu potenzjali
- Għamel manutenzjoni tal-wiċċ ta' l-art
- Poġġi sinjali ta' twissija f'postijiet ta' periklu
- Irranġa d-dawl skond ix-xogħol
- Neħħi kull ostruzzjoni possibbli fl-art



## KAWŻI POSSIBBLI TA' PERIKLI TA' ŻLIEQ, TGERBIB U WAQGĦIET

- Żraben mhux adattati
- Ġiri
- Gverta jew art mhux livell jew bidla fil-livell
- Għottija ta' l-art maħlula jew immermra
- Art li tiżloq
- Tixrid ta' żejt, grass, ilma, trab, frak u ġellijiet
- Dawl baxx

# L-Ewwel Għajnuna

L-Ewwel Għajnuna hija l-assistenza immedjata u temporanja mogħtija lill-vittma ta' inċident jew ta' marda improvviża. Membri ta' l-ekwipaġġ huma inkoraġġati sabiex jieħdu kors ta' l-ewwel għajnuna u l-laneċ tas-sajd kollha għandhom ikollhom kit ta' l-ewwel għajnuna kif suppost.

**ITTRAŻMETTI "PAN PAN"**



## EMERĠENZA FIL-BAĦAR

ĊEMPEL għall-għajnuna jekk hemm bżonn, bl-użu ta' Pan Pan jew messaġġ Mayday fuq il-VHF kemm jista' jkun malajr.

## QABEL MA TMUR IL-BAĦAR

Żgura li ta' l-inqas persuna waħda abbord għandha t-taħriġ adattat ta' l-Ewwel Għajnuna.

**IĊĊEKKJA LI L-KIT TA' L-EWWEL GĦAJNUNA TIEGĦEK HIJA STOKKJATA KIF SUPPOST U STIVATA F'**post niexef u sigur.

Żgura li qed iġorr it-tagħmir ta' komunikazzjoni adattat u li int u l-membri ta' l-ekwipaġġ tafu tużawh f'emerġenza




## KANAL TA' L-ARJA

Iċċekkja li l-kanal ta' l-arja huwa miftuħ

Itfa r-ras lura u għolli l-geddum.

Iċċekkja viżwalment il-ħalq għall-oġġetti estranji u neħħihom.



## VITTMA LI MA TIRRISPONDIX





## NIFS

Ikkontrolla it-tlugħ u l-inżul tas-sider jew ħejjes ta' nifs mill-ħalq



## ĊIRKOLAZZJONI

Jekk m'hemmx ċirkolazzjoni, ikollok tibda r-resuxxitazzjoni kardjopulmunari (CPR), dan isir b'rata ta' 30:2 (30 kumpressjoni tas-sider għal kull 2 nifsiet tas-sokkors).



## ĦALQ GĦAL ĦALQ

Jekk il-vittma m'hiex tieħu nifs normali, ħalq għal ħalq huwa l-aħjar mod biex tonfoħ il-pulmuni tal-vittma.



## TELF TA' DEMM SERJU

- Ilbes ingwanti biex tevita infezzjoni.
- Għamel pressjoni dirett fuq il-ferita.
- Għolli u ssapportja l-parti ferita (sakemm miksura).
- Għamel faxxa fuq il-ferita u orbot sew.

## GĦADAM MIKSUR

- Jekk tissuspetta xi għadma miksura, orbot id-driegħ mall-ġisem bl-u'u ta' faxxex trijangulari.

## FERITI FL-GĦAJNEJN

- Il-feriti kollha fl-għajnejn huma potenzjalment gravi. Jekk hemm xi ħaġa fl-għajn, aħsel l-għajn b'ilma nadif jew fluwidu sterili minn kontenitur issiġġillat biex tneħħi materjal li ma weħilx. Tippruvax tneħħi xi ħaġa li mwaħħla ma' l-għajn.

## ASFISSIJA

Soffokazzjoni dovut għal nuqqas ta' ossiġenu ikkawżat minn:

- Għerqien
- Ii jifga
- Strangulament
- Iggassjar
- Fluwidu li jifga fil-kanal ta' l-arja
- Tgħaffiġ tas-sider

## TRATTAMENT

Neħħi l-vittma mill-kawża jew neħħi l-kawza mill-vittma

Itlob l-għajnuna medika u għati risuxxitazzjoni karjo-pulmonari jekk jeħtieġ

## ŻAMMA TA' REKORDS

Hija prattika tajba li tuża ktieb għaż-żamma ta' records ta' inċidenti li jkollhom korrimenti jew mard lit kun attendejt.



Inkludi l-informazzjoni segwenti fil-kitba tiegħek:

- Data, ħin u lok ta' l-inċident
- Isem u xogħol tal-ferut jew marid
- Dettalji tal-korriment/marda u l-ewwel għajnuna mogħtija
- Xi ġralu l-vittma immedjatament wara (eż. Mar lura x-xogħol, mar id-dar, mar l-isptar)
- Isem u kunjom tal-persuna li kellha x'taqsam ma' l-inċident.

## KIT BAŻIKU TA' L-EWWEL GĦAJNUNA

Jekk jogħġbok ikkonslta l-websajt għal lista estensiva ta' oġġetti għall-kategorija ta' lanċa tiegħek : www.refope.org

Sa massimu ta' ħames persuni, il-kit bażiku ta' l-ewwel għajnuna għandu jkollu imqar:

- 1 flixkun soluzzjoni antisettika 60ml, jew packet ta' 10 tajjar antisettiku
- 1 pakket applikaturi li jintremew ta' 10 (mhux meħtieġa jekk jintuża tajjar antisettiku)
- 1 borża tal-vomtu li tiflaħ l-ilma u li tintrema
- 12-il stick adeżiv
- 2 garżiet 2.5 cm x 4.5 cm (mhux meħtieġ jekk hemm marbutin mad-duwa)
- 2 faxex trijangulari u mitwijin tal-100 cm u 2 labar.

- 2 faxxiet tad-duwa sterili, madwar 7.5 cm x 12 cm
- 4 biċċiet garża sterili, 7.5 cm x 7.5 cm
- 1 forċipi
- 1 peċċ ta' l-għajnejn  bi protezzjoni jew tejp
- 1 Rekord ta' l-Ewwel Għajnuna
- 1 imqass ta' l-10 cm
- 1 roll tejp adeżiv kirurġiku (mhux meħtieġ jekk hemm marbutin mad-duwa)
- 1 flixkun 30 ml ta' lozzjoni antipuritika jew pakkett ta' 10 tajjar antipuritiku
- 1 faxxa tal-lastku, 7.5 cm x 5 m
- 1 gverta ta' l-emerġenza li toqgħod f'but
- 1 container bi cleanser ta' l-idejn jew pakkett wipes
- 1 qassaba bl-ikkutunar
- 1 duwa tal-ħruq 10 cm x 10 cm
- 1 Manwal aġġornat ta' l-Ewwel Għajnuna

## SEJĦA GĦALL-GĦAJNUNA

### JEKK JEĦTIEĠ ASSISTENZA MEDIKA KKUNTATTJA L-EQREB STAZZJON TAR-RADJU MARITTIMU FUQ IL-KANAL 16 VHF JEW 2182 MF

F'każ ta' diffikulta`, għamel sejħa urġenti Pan Pan:

*Għażel il-Kanal 16 jew 2182 MF*

*Għafas il-buttuna 'transmit',* u għid bil-mod u b'mod ċar:

Pan Pan, Pan Pan, Pan Pan.

*L-istazzjonijiet Kollha* (irrepeti 3 darbiet)

*Dan hu…*(irrepeti isem il-lanċa tiegħek 3 darbiet)

*Il-pożizzjonijiet tiegħi hi* (uża l-latitudni u lonġitudni, jew direzzjoni u distanza minn punt magħruf………Jekk ma tafx, tobsorx.

*Għandi bżonn* (iddeskrivi t-tip ta' assistenza li teħtieġ eż. "Għandi bżonn assistenza medika").

*Over* – dan ifisser wieġeb jekk jogħġbok

*Issa ħalli l-buttuna* 'transmit' u isma għal risposta

*Kompli isma l-Kanal 16 jew 2182 MF* għal struzzjonijiet

*Jekk ma tisma xejn,* irrepeti s-sejħa.

# Komunikazzjoni ta' Emerġenza

## PROĊEDURA MAYDAY

Jintuża meta l-lanċa tkun "f'Periklu Gravi u Imminenti"







**IĊĊEKKJA** li r-radju tiegħek huwa mixgħul




**GĦAŻEL KANAL 16** u tkel-lem bil-mod u b'mod ċar




Ixgħel **"BUTTUNA DISTRESS"** fuq DSC

**DAN HUWA**

(Irrepeti isem il-lanċa x 3 darbiet)

**POŻIZZJONI**

Lat/Lonġ jew direzzjoni u distanza minn punt magħruf

**JIENA**

Għid x'inhi l-problema (bħal għerqien, nar, eċċ)

**GĦANDI BŻONN GĦAJNUNA IMMEDJATA**

**INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI**

Numru ta' persuni abbord, kull azzjoni li ssir

Lista ta' tagħmir disponibbli, bħal EPIRB, SART, murtali



**OVER**

- Itlaq il-buttuna 'transmit' u stenna risposta
- Kompli isma l-Kanal 16
- Jekk ma tisma' xejn irrepeti s-sejħa ta' periklu

# Ġarr Manwali u Int

Qabel ma terfa jew iċċaqqlaq kull tagħbija, ikkunsidra jekk jistax jintuża mezz mekkaniku bħal krejn, derik ta' l-irfigħ, trolli jew ħaġ'oħra. Jekk hemm bżonn li jintrefa manwalment, segwi l-passi ta' hawn taħt.







Għandek bżonn GĦAJNUNA bit-tagħbija?
**NEĦĦI** kull ostruzzjoni/ostaklu mil—passaġġ ippjanat



**ŻOMM SAQAJK MIFTUĦIN**

**NIŻŻEL IT-TAGĦBIJA**
imbagħad irranġa l-pożizzjoni tagħha





- Żomm it-tagħbija sew
- Żomm it-tagħbija qrib il-bagoll
- Evita tidwir u tmejjil
- Żomm ir-ras 'il fuq
- L-ispallejn u l-ġenbejn fl-istess direzzjoni
- Ħares 'il quddiem, mhux l-isfel lejn it-tagħbija malli din tkun miżmuma sew

Qatt terfa jew iġġorr **IKTAR MILLI JISTA' JSIR FAĊILMENT!**

# Kamra tal-makni

L-ispazju huwa limitat ħafna fuq kull lanċa tas-sajd u għalhekk iż-żamma tajba tal-kamra tal-makni hija essenzjali għal xogħol sigur, u aċċess u ħruġ. Il-kmamar tal-makni jistgħu jkunu mgħammrin b'ekwipaġġ jew le. Qabel ma tidħol u immedjatament wara li titlaq karma tal-makni mingħajr ekwipaġġ, informa lil min hu għassa tal-lanċa. Żgura li jsiru verifiki regolari fil-kamra tal-makni u fuq it-tagħmir tagħha.

## AĊĊESS GĦALL-KMAMAR TAL-MAKNI

- Is-slielem għandhom ikunu f'kundizzjoni tajba b'poġġaman sod.
- Dejjem inżel minn sellum ta' karma tal-makni b'lura.
- No almacene bidones de aceite de plástico o basura al pie de la escalera, pues presentan un riesgo de incendio y caída.
- Qatt tistiva kontenitur tal-plastik taż-żejt jew imbarazz taħt is-sellum għaliex jirrappreżentaw periklu għal nar u tgerbib.
- Żomm il-passaġġi żgumbrati u fi stat tajjeb.
- Id-deck plates tal-kamra tal-makni jew gradilji għandhom ikunu sodi.

## ROTOT BIEX TAĦRAB

- L-uxxiti u rotot biex taħrab kollha għandhom jiġu ċċekkjati regolarment biex jiġi żgurat li huma liberi.
- Ganċijiet u ċappetti fuq l-escape hatches għandhom jitħaddmu biex jiġi żgurat li jinfetħu liberament.
- Żgura li xejn ma hu qed jimblokka l-escape hatch milli tinfetaħ fuq il-gverta.

  Żgura li kull oġġett li jżomm ankrat jitneħħa meta l-lanċa titħaddem.

## INDAFA

- Ilbes tagħmir protettiv personali adattat bħal protezzjoni għal widna, għajn, ras, sieq u id (sinjali obbligatorji).

  Uża sapun ta' l-idejn u kremi biex jikkuraw il-ġilda u tiġi evitata d-dermatite.
- Limpie inmediatamente cualquier derrame de aceite para impedir resbalones o incendios.
- Cualquier artículo que esté suelto debe guardarse en lugar seguro.

  Impida que las puertas y escotillas se balanceen.
- Exponga señales y letreros en lugares visibles.

## STORBJU

- Meta makna tkun qed taħdem, dejjem ilbes protezzjoni għal widnejn biex
- tevita ħsara għas-smigħ.

## ALLARMI

- Kun af il-ħoss ta' l-allarmi /sinjali tal-kamra tal-makni u xi jfissru.
- Iċċekkja regolarment li l-allarm jaħdem.
- Żgura li l-allarmi jinstemgħu iktar mill-istorbju mornali tal-makkinarju u l-protezzjoni tal-widnejn.

## DWAL

- Dawwal il-postijiet tax-xogħol sew, inkluż fejn timxi u l-erja wara l-makkinarju fejn issir il-manutenzjoni.
- Ittestja d-dwal ta' l-emerġenza regolarment

## POST GĦAR-RAS

- Sinjali ta' twissija għandhom jitpoġġew f'post fejn xogħol tal-pajpijiet qiegħed fil-baxx.
- Wieħed għandu jkun attent hu u miexi biex jipprevjeni korriment fir-ras u fl-għonq.
- Pajpiijiet u truf jaqtgħu għandhom jiġu mogħttija biex jiġi evitat korriment.

## ĊAQLIQ TA' MAKKINARJU

- Iċ-ċaqliq jew tidwir ta' makkinarju għandu jkun protett biex jiġi evita kuntatt aċċidentali.
- Biddel il-protezzjoni tal-makkinarju wara li x-xogħol jitlesta u qabel ma jinbeda.
- Superfiċji jaħarqu u pajpijiet għandhom jiġu protetti jew mogħttija.
- Ftakar illi l-makkinarju jista' jinxtegħel remotament jew bi start awtomatiku.

## ELETTRIKU

- Qabel ma taħdem fuq tagħmir ta' l-elettriku, dejjem iżolah, neħħi l-fuses, sakkru u għamel sinjali ta' twissija.
- Batteriji għandhom jitpoġġew f'kaxxa tal-batteriji b'vent pajp immuntat fuq in-naħa ta' fuq tal-kaxxa, li jkun ippajpjat mall-gverta.
- Uża lampi ta' l-idejn ta' l-24V għal inspezzjonijiet.

## EMERĠENZI FIL-KAMRA TAL-MAKNI

*Għerqien*

- Iċċekkja l-allarmi tas-sentina regolarment.
- Iċċekkja l-pajpijiet ta' l-ilma kollha għal sigurta` u għal kundizzjoni regolarment.
- Iċċekkja l-pompi tas-sentina u l-valvijiet u għalaq il-valvijiet meta ma jintużawx.
- Żgura li l-valv li tiġbed il-baħar sal-pompa tas-sentina hija magħluqa.
- Effettwa risposta ta' l-emerġenza għall-għerqien.

## NAR

- Ipprattika proċeduri ta' l-emerġenza għan-nar.
- Jekk hemm installat sistema fissa tat-tifi tan-nar, kun af kif taħdem.

## NIXXIJA TAR-REFRIĠERAZZJONI

- Kun af kif tiżola nixxija tar-refriġerazzjoni.
- Gassijiet tar-refriġerant jistgħu jikkawżaw l-asfissija u s-soffokazzjoni.

# Il-Kċina

Il-Kċina hija l-parti komuni fuq lanċa u hija post ta' xogħol li jippreżenta perikli bħal nar, ħruq, samta, żlieq, waqgħiet, u possibbilment avvelenament ta' l-ikel.

## PREVENZJONI

- Tisjir bil-gass: it-tisjir fuq cooker miftuż għandu jsir dejjem b'attenzjoni.
- Qatt iddendel ċraret jew ħwejjeg biex jinxfu fuq il-cooker.
- Qatt tħalli cooker waħdu.
- Fliexken tal-gass m'għandhom qatt jiġu stivati fil-kċina, iżda ġo post ventilat sew jew barra fil-gverta. Żgura li l-kontrolli huma mitfijin meta l-istrumenti tal-gass ma jintużawx. Il-gass huwa itqal mill-arja u jinġemgħa fil-parti ta' isfel tal-kċina jew iktar l-isfel fil-lanċa.

Żomm l-ilqugħ protettivi f'posthom madwar stufi u uża lqugħ jew guards fuqhom biex tevita li jiżolqu t-twaġen.



- Kun af fejn jinżammu u kif jintużaw gverta tan-nar u teffej tan-nar.
- It-teffejja tan-nar fil-kċina m'għandhomx ikunu tat-tip ta' l-ilma.
- Qatt tuża chip pan abbord lanċa tas-sajd.
- Qatt tferra l-ilma fuq ix-xaħam jaħraq, għaliex l-ilma jisplodi fi fwar li jitfa x-xaħam barra mit-taġen u dan jista' jikkawża ħruq.
- No vierta agua sobre grasa caliente, el agua explotaría en forma de vapor y la grasa salpicaría fuera de la sartén, pudiendo provocar quemaduras.
- Uża biss twapet non-slip fuq l-art tal-kċina.
- Tagħmir ta' l-elettriku għandu jkun f'kundizzjoni perfetta u d-diffetti għandhom jiġu rranġati immedjatament.
- Uża ingwanti tal-forn biex tneħħi twaġen jaħarqu mill-forn.
- Uża biss tin opener biex tiftaħ ikel tal-bott.

## SKIEKEN

- Żomm is-skieken, choppers u segi jaqtgħu u nodfa.
- Iċċekkja li l-manki huma sodi u mingħajr grass.
- Stiva f'rack jew kexxun partikolari.
- Qatt tħallihom fuq il-bankijiet jew jegħrqu fis-sinkijiet fejn ix-xafriet moħbija tagħhom jistgħu jinqabdu.




## IĠJENE

- Dejjem aħsel idejk qabel ma tipprepara l-ikel jew tiekol
- Ikel imsajjar għandu jinżamm dejjem fil-fridge
- L-ordni u l-indafa għandhom jinżammu skruplużament biex jiġi evitat il-preżenza ta' l-annimati (ġrieden) jew insetti (dubbien, wirdien), li jistgħu jagħmlu ħsara lill-ikel jew jimperikolaw is-saħħa ta' l-ekwipaġġ. Armi ż-żibel tal-kċina meta tkun fil-port.
- Kmamar tal-ksieħ għandhom ikunu ekwipaġġati b'mezzi ta' ftuħ u allarmi li jinxtegħlu minn ġewwa.  Peruni li jidħlu f'dawn il-postijiet għandhom ikunu familjari biżżejjed tagħhom sabiex ikunu jistgħu isibu l-bieb jew alarm fid-dlam.



# Alkoħol, Mediċini, Drogi u Għajja

L-alkoħol, mediċini u abbuż ta' drogi fuq lanċa tas-sajd jafu jikkawżaw problemi serji. Huwa illegali li ġġib drogi konrollati abbord lanċa tas-sajd u l-pussess u l-użu abbord m'għandu la jiġi skużat u lanqas permess. Jekk l-alkoħol huwa permess abbord, wettaq politika biex tamministra l-aċċess u l-konsum.



## EFFETTI TAL-ALKOĦOL U UŻU TA' DROGI

- L-abilita` li jittieħdu deċiżjonijiet tajbin
- Kordinazzjoni personali
- Kontroll tal-mutur u ġudizzju
- Konċentrazzjoni u viġilanza

## KONTROLL TA' ALKOĦOL, MEDIĊINI U DROGI

- Iġġibx drogi illegali abbord
- Tużax drogi illegali abbord
- Jekk l-alkoħol huwa permess abbord, tixrobx ħafna jew qrib wisq meta għandek tkun lest għax-xogħol
- Tħaddimx makkinarju jew toqgħod għassa meta tkun taħt l-influwenza ta' drogi jew alkoħol.

## GĦEJA

- L-għeja hija għeja fiżika u mentali estrema li ma tħallikx taħdem sew u b'mod żgur u b'hekk timperikola ħajtek u ħajjet l-ekwipaġġ tiegħek.

## PREVENZJONI TA' L-GĦEJA

- Żgura li l-ekwipaġġ kollu jkollu perjodi biżżejjed ta' mistrieħ
- Żgura li min hemm għassa ta' bil-lejl ikollhom attivatijiet varji biex jibqgħu attivi
- Installa allarmi ta' l-għassa jekk inhu neċessarju

# Kimiċi Perikolużi

**DAK LI JGĦIDULEK IT-TIKKETTI**
**AQRA T-TIKKETTA GĦAS-SAĦĦA U SIGURTA` TIEGĦEK**

**Il-kimiċi jintużaw f'materjali ta' kuljum bħal fjuwil, żjut, deterġenti, żebgħa, adeżivi, bliċ, likwidi tat-tindif u diżinfettanti. Huma essenzjali għall-ħajja ta' kuljum iżda jafu jkunu perikolużi.**

**Jekk ma jintużawx sew jafu:**
- **Jaqbdu n-nar**
- **Jikkawżaw ħruq**
- **Ikunu ta' ħsara għas-saħħa**
- **Jikkawżaw ħsara ambjentali**




## TWISSIJIET TA' PERIKLU

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
|  E - Explosive |  O - Oxidising |  F+ - Extremely Flammable |  F – Highly Flammable |  T+ - Very Toxic |
|  T - Toxic |  Xn - Harmful |  C - Corrosive |  Xi - Irritant |  Dangerous for the Environment |

**Għal iktar informazzjoni dwar kimika partikolari, ikkuntattja l-fornitur għal Safety Data Sheet (SDS). Safety Data Sheets jipprovdu informazzjoni iktar teknika u dettaljata dwar il-kimika u kif tintuża b'mod żgur, titgħatta, stivar, prekawzjoniji't tan-nar, l-ewwel għajnuna, PPE, rimi ta' l-iskart u iktar.**
**FTAKAR! DEJJEM IDDISPONI MINN KONTENITURI VOJTA B'MOD ŻGUR**

# Tabelli ta’ Sigurta` u Sinjali

Tabelli tas-Sigurta` jintużaw abbord biex jgħinuk tieħu deċiżjonijiet żguri u tajbin u jinformawk dwar affarijiet li għandhom x’jaqsmu mas-sigurta`. L-għan tas-sinjali u l-allarmi huwa biex jiġbed l-attenzjoni għal xi ħaġa mingħajr ma jitneħħa l-periklu.

## LAS SEÑALES SE DIVIDEN EN GRUPOS:

| SINJAL | GRUPP | EŻEMPJU TA’ L-UŻU |
|---|---|---|
|  | Sinjali ta’ projbizzjoni | Sinjali ta’ Waqfien<br>Sinjali ta’ Projbizzjoni (ma tistax tidħol)<br>Tagħmir għal shutdown ta’ l-emerġenza |
|   | Sinjali ta’ twissija jew periklu | Identifikazzjoni ta’ perikli (superfiċje taħraq, nar, splużjoni, perikli elettriċi, kimiċi, eċċ.)<br>Identifikazzjoni ta’ taraġ, passaġġi perikolużi, ostakli |
|  | Sinjali mandatorji | Obbligu ta’ ilbies ta’ tagħmir ta’ sigurta` individali bħall-protezzjoni għall-widnejn |
|   | Sinjali ta’ emerġenza | Identifikazzjoni ta’ rotot ta’ l-emerġenza u ħruġ ta’ l-emerġenza<br>Punti tal-ġemgħa, showers tas-sigurta`, postijiet ta’ l-ewwel għajnuna u punti tas-sokkors |
|  | Sinjali tat-Tagħmir tan-Nar | Sinjali tat-tagħmir tat-tifi tan-nar |

F’każ li jmur id-dawl, waqt evakwazzjoni ta’ l-emerġenza tkun iggwidat minn rotot tal-Ħarba indikati minn sinjali fotoluminixxenti.

## ARA KAMPJUNI TA’ SINJALI TA’ ĦARBA, NAR U KUNDIZZJONI ŻGURA LI JINTUŻAW FUQ IL-LANEĊ







## KUN AF IS-SINJALI TAS-SIGURTA` FUQ IL-LANĊA TIEGĦEK.

## TABELLI TA' ISTRUZZJONIJIET

**Attenzjoni! Dejjem iċċekkja l-interpretazzjoni tiegħek ta' sinjali fuq il-livers tal-kontroll rigward id-direzzjoni tal-moviment jew rotazzjoni ta' krejnijiet fuq il-gverta jew makkinarju qabel l-użu.**

## SINJALI LI JATTIRAW L-ATTENZJONI




## DIRECTING WINCH JEW OPERAZZJONI TAL-KREJN



Bidu | Waqfien | Tmiem | Għolli | Baxxi | Distanza vertikali



Mexxi 'l quddiem | Mexxi | Lemin | Xellug | Distanza Orizzontali | Periklu

# Valutazzjoni ta' Riskju

Is-sidien tal-laneċ u min iħaddem huma obbligati li jevalwaw ir-riskji għas-saħħa u s-sigurta` u li jieħdu azzjoni biex itejbu l-livell ta' protezzjoni mogħtija lill-ħaddiema fi proċess imsejjaħ valutazzjoni ta' riskju. Dan jista' jinqasam f'numru ta' passi. L-għan ta' din il-valutazzjoni ta' riskju hija biex tgħinek, bħala sid/operator, biex tidentifika erja jew attivitajiet li jistgħu jponu riskju għas-saħħa u s-sigurta` ta' oħrajn. Dan jgħinek biex tiddeċiedi jekk jistgħux isiru raġjonevolment miljoramenti jew prekawzjonijiet. Il-valutazzjoni ta' riskju m'hiex biss eżerċizzju fuq il-karta, iżda hija l-kontroll tas-sigurta` tiegħek.

## M'HUWIEX TEST TA' "KEMM HI ŻGURA L-LANĊA TIEGĦEK"

## TIFSIRA TA' KLIEM

| | |
|---|---|
| **Periklu** | **Kull ħaġa li tista' tikkawza l-ħsara** |
| **Riskju** | **Iċ-ċans li ssir ħsara.** |
| **Aċċident** | **Avveniment mhux ippjanat, li jġarab il-ħsara lin-nies, tagħmir jew l-ambjent, ħsara lill-proprjeta`, jew telf ta' prodott.** |

## 5 PASSI ESSENZJALI BIEX TIVVALUTA RISKJU

**PASS 1: Ħares għal perikli fuq il-lanċa tiegħek**

- Imxi madwarha u għamel lista tal-perikli li jinsabu abbord
- Involvi l-ekwipaġġ tiegħek fit-tfittxija ta' perikli

**PASS 2: Iddeċiedi min jista' jweġġa'u kif**

- **kkunsidra l-membri ta' l-ekwipaġġ bħal: inġinier, min jaħdem fuq il-gverta, ħaddiem żagħżugħ jew inespert, ħaddiem waħdu**

**PASS 3: Evalwa r-riskji u ddeċiedi jekk il-prekawzjonijiet eżistenti humiex adegwati jew jekk jeħtieġ li jkun hemm iktar, ikkonsulta ma' l-ekwipaġġ tiegħek u kkunsidra jekk il-kontrolli:**

- **humiex ta' l-istandard jew ta' rekwiżit legali u nazzjonali**
- **jikkonformaw ma' standard industrijali rikonoxxut**
- **jirreflettu prattika tajba**
- **jirriduċu r-riskju mill-periklu sa fejn huwa raġjonevolment possibli**

**PASS 4: Ikteb dak li jirriżulta**

- **Il-valutazzjoni tar-riskju trid tkun bil-miktub u**
- **komunikata lill-membri ta' l-ekwipaġġ kollha**

**PASS 5: Eżamina l-valutazzjoni tiegħek u rrevediha jekk huwa l-każ imqar darba**

- **fis-sena jew f'każ ta' bidla, billi ssegwi kull bidla fil-proċedura, tagħmir jew**
- **sistema ta' xogħol**

**SEGWI KULL PASS GĦAL KULL PERIKLU IDENTIFIKAT F'PASS 1**

**TKUNX IKKUMPLIKAT IŻŻEJJED!!!**

## IL-VALUTAZZJONI TA' RISKJU HUWA OBBLIGU TA' L-UNJONI EWROPEA F'KULL POST TAX-XOGĦOL INKLUŻ IS-SAJD. IL-VALUTAZZJONI TA' RISKJU TRID TKUN BIL-MIKTUB U HEMM HAĦFA FORMOLI DISPONIBBLI.

**Ir-riżultanzi ta' "valutazzjoni ta' riskju" għandhom jipprovdulek sistema żgura a' xogħol u għandhom jgħinuk tidentifika l-bżonn ta' taħriġ u l-użu ta' tagħmir prottetiv personali.**

| DETTALJI TA' L-ISMIJIET | VALUTAZZJONI TA' RISKJU | EŻAMI TA' RISKJU |
|---|---|---|
| Isem | Minn | Data |
| Nru. Ta' Reġistrazzjoni | Data | |
| Tul OL | Iffirmat | |

| PASS 1 | PASS 2 | PASS 3 |
|---|---|---|
| Għamel elenku ta' perikli sinjifikanti hawn | Għamel elenku ta' nies jew gruppi ta' nies li qegħdin f'riskju minħabba l-periklu | Għamel elenku tal-kontrolli eżisteni fuq il-post.<br>Identifika l-kontrolli addizzjonali neċessarji li hemm bżonn u kull azzjoni ulterjuri meħtieġa. |
| Eżempju:<br>Waqa' mil-lanċa | Membru ta' l-ekwipaġġ | 1. Aħdem b'mod żgur meta tkun fuq il-gverta<br>2. Ilbes il-PFD meta tkun fuq il-gverta<br>3. Tixxabbatx meta taħdem qrib il-poġġamani tal-ġnu<br>4. Aqfel ħabel tas-sigurta` meta taħdem/tixxabbat mill-ġenb.<br>5. Ilbes ħabel tas-sigurta` meta taħdem fl-għoli |

## IKKONSULTA L-WEBSAJT SEGWENTI GĦALL-IKTAR TAGĦRIF FIL-LINGWA TIEGĦEK

"L-Essenzjali għal Valutazzjoni ta' Riskju ta' l-UE" u Fact Sheet nru 38 UE fuq is-Sajd:

- Aġenzija Ewropea fuq is-Saħħa u s-Sigurta` fuq il-post tax-xogħol
  http://osha.europa.eu

# Rapport ta' Aċċident

L-aċċidenti u l-korrimenti kollha għandhom jitniżżlu fil-log tal-lanċa jew fi ktieb tar-rapport ta' l-aċċident. Aċċidenti għandhom ikunu rapportati malli huwa possibbli u għandhom ikollhom informazzjoni rilevanti kif elenkat hawn taħt. Ir-rapport għandhom jintbagħtu bl-iktar mezz li jgħaġġel li jkun disponibbli, inkluż it-telefon, fax, jew e-mail, lill-Ministeru Nazzjonali jew Awtorita` Nazzjonali, fejn il-lanċa hija reġistrata.

**HIJA R-RESPONSABBILTA` TAL-KAPTAN TAL-LANĊA LI JIDDOKUMENTI U JIRRAPORTA L-AĊĊIDENT**

## AĊĊIDENTI JEW INĊIDENTI LI GĦANDHOM JIĠU RAPPORTATI

- Mewt jew mard
- Aċċident fuq il-post tax-xogħol, gravi jew serju
- Sitwazzjoni ta' near miss
- Breakdown tal-lanċa
- Kolliżjoni tal-lanċa
- Grounding tal-lanċa
- Nar fuq il-lanċa

## INFORMAZZJONI MEĦTIEĠA FIR-RAPPORTI

Ir-rapporti inizjali ta' l-aċċidenti għandhom jinkludu kemm huwa possibbli mis-segwenti:

- isem il-lanċa u IMO, numru uffiċjali jew tal-lanċa tas-sajd
- isem u indirizz is-sidien
- isem il-kaptan jew persuna oġra inkarigata
- data u ħin ta' l-aċċident
- oriġini u destinazzjoni
- latitudni u lonġitudni jew pożizzjoni ġeografika fejn seħħ l-aċċident
- part ital-vapur fejn seħħ l-aċċident jekk seħħ abbord
- kundizzjonijiet tat-temp
- isem u port ta' reġistrazzjoni ta' kull vapur ieħor involut
- numru ta' nies maqtula jew feruti flimkien ma' isimhom, l-indirizz tagħhom u s-sess
- dettalji fil-qosor dwar l-aċċident, inklu' is-sekwenza ta' l-eventi li wasslu għall-aċċident
- l-estent tal-ħsara u jekk l-aċċident ikkawżaw tniġġis jew periklu għan-navigazzjoni

## KORRIMENT GRAVI FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL JAF IKUN WIEĦED MIS-SEGWENTI:

- kull ksur
- kull telf ta' driegħ jew parti minn driegħ
- żlogament ta' l-ispalla, ġenb, irkoppa jew sinsla tad-dar
- telf tal-vista (sew jekk hux temporanju jew permanenti)
- korriment penetranti fl-għajn
- kull korriment ieħor
  - li jwassal għall-ipotermija jew telf mis-sensi
  - li jirrikjedi r-risuxxitazzjoni
  - li jirrikjedi dħul l-isptar għall-iktar minn 24 siegħa
  - jek fil-baħar, jirikjedi li tibqa' fis-sodda għall-iktar minn 24 siegħa

**"Korriment Serju fuq il-Post tax-Xogħol" japplika għal kull korriment li jiġri lil persuna abbord lanċa tas-sajd u li jwassal f':**

**• inkapaċita` għall-iktar minn 3 ijiem konsekuttivi, eskluż dakinhar ta' l-aċċident jew,**

**• il-persuna konċernata titniżżel l-art.**

# Links Utli

## ISTITUZZJONIJIET U GĦAQDIET EWROPEJ

- Unjoni Ewropea
  http://europa.eu
- EUR-LEX (Liġi Ewropea)
  http://eur-lex.europa.eu
- Aġenzija Ewropea għas-Sigurta` u s-Saħħa fix-Xogħol
  http://osha.europa.eu
- REFOPE (Netwerk Ewropew għat-Taħriġ Professjonali u Impjieg fis-settur tas-sajd marittimu)
  www.refope.org
- Europêche (Assoċjazzjoni ta' l-Għaqdiet Nazzjonali ta' l-intrapriżi tas-sajd fl-UE)
  www.europeche.org
- Konfederazzjoni Ġenerali tal-Koperattivi ta' l-Agrikoltura fl-Unjoni Ewropea (COGECA)
  www.copa-cogeca.be
- Federazzjoni Ewropeja tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF)
  www.etf-europe.org

## GĦAQDIET INTERNAZZJONALI

- International Labour Organisation (ILO)
  www.ilo.org
- World Health Organisation (WHO)
  www.who.int
- International Maritime Organisation (IMO)
  www.imo.org
- Food and Agriculture Organisation of the United Nations (FAO)
  www.fao.org

# Nota lill-qarrej

*Dan il-ktejjeb jista' jitniżżel b'xejn f'lingwi differenti fil-websajts li ġejjin:*

***http://www.europeche.org***
***http://ww.etf-europe.org***
***http://www.refope.org***



**Teżitax milli tibgħatilna l-kummenti tiegħek biex tgħinna ntejbu dan il-ktejjeb f'edizzjonijiet futuri:**
**europeche@europeche.org**

*Nittamaw li sibt dan il-ktejjeb informattiv u utli.*
*Francisca Martínez Toledo*
*Directora de Proyectos*
*Europêche*

# Noti

IL-KTEJJEB EWROPEW GĦALL-

# PREVENZJONI ta' l-inċidenti fil-baħar u s-SIGURTA` tas-sajjieda

Nixtiequ nirringrazzjaw lill-esperti kollha li għenu fil-kitba ta' dan id-dokument, u partikolarment il-Bord tas-Sajd fil-Baħar Irlandiż (BIM)

www.bim.ie


**Disinn**
www.xlsgraphic.com
**stampi**
Véronique Hariga
www.hariga.be